ħlief *bidwi*, l-ieħor *bniedem zopp*, mil-Latin *clodus*. Bil-maqlub l-isem ta' *Torkwatu* jagħtina l-idea ta' *bniedem imferċaħ u mgħawweġ* (Latin: *torquere*; Tal. *torcere*) fil-waqt li hu isem li jfisser *wieħed li jġib il-kullana f'għonqu*.

Dawk li ma jafux l-istorja ta' l-Ilsna jsibuha iktarx stramba illi *Marju* m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-isem ta' *Marija*, il-għaliex wieħed huwa isem Ruman u l-ieħor isem ġej mil-Lhudi, u iktarx Masri. Il-kuntrarju nistgħu ngħidu għall-ismijiet *Ċirillu* u *Duminku*, li għalkemm ma jixxiebhu xejn fil-bini tal-kelma b'dana kollu jfissru l-istess ħaġa, il-għaliex it-tnejn ifissru *Mulej*, li fil-Grieg huwa *Kyrios* (Cirillo), u fil-Latin *Domenicus*. Hekk nistgħu ngħidu għall-ismijiet *Klodovew*, *Doviku* u *Wiġi* li ħit-tifsira tagħhom juru l-istess ħsieb, jiġifieri *bniedem kbir f'battalja* għalkemm ma jixxibhux fis-sura morfoloġika tagħhom.

Bosta ismijiet li jixbhu lil xi isem ta' belt jew pajjiż iktarx ġejjin minn isem dik il-belt jew pajjiż. Insemmu l-ismijiet ta' *Mawru* u *Mawrizju* mnisslin iktarx minn nies Mawritani (mill-*Mawritanja*, l-art qadima tan-naħa tal-Punent ta' l-Affrika ta' Fuq—il-lum il-Marokk), u l-ismijiet ta' *Gejtan* u *Lidja*, it-tnejn imnisslin, l-ewwel wieħed minn nies minn *Gaeta*, u t-tieni minn nies minn *Lidja* (art qadima fl-Asja Minuri).

Fl-istudju ta' dawn l-ismijiet wieħed isib kultant x'iferrħu u jimtela bih innifsu, bħalma ngħidu aħna, f'dak ta' *Fonzu* li jfisser *bniedem ta' ħila kbira*.

---

## DIZZJUNARJU BIJOGRAFIKU U BIBLJOGRAFIKU NAZZJONALI

Dan huwa xogħol maħdum minn Robert Mifsud Bonnici, kittieb ta' xogħlijiet oħra dwar l-istorja tal-Mużika f'Malta. F'dan ix-xogħol hemm midmumin il-bijografiji u bibljografiji ta' kittieba Maltin ħajjin u mejtin li s'issa għamlu isem fl-oqsma tax-xjenza, letteratura u arti.

Dawk kollha li għandhom interess li jiksbu kopja ta' dan ix-xogħol huma mitlubin jirrikorru, b'ittra jew bil-fomm, għand l-Awtur, Nru. 48, Triq Sant'Andrija, Ħal Lija.



# RECENSJONIJIET

**IL CONVENTO E LA CHIESA DI SAN FRANCESCO DI VALLETTA (MALTA) DEI FRATI MINORI CONVENTUALI (1598-1950).** Editrice "Miscellanea Francescana", Roma, 1957. Awtur: P. Bonaventura Fiorini, O.F.M. Conv.

Xogħol interessanti ta' Storja Apoloġetika dokumentata b'mod li ma setgħet qatt issir mingħajr sagrifiċċji persunali eċċezzjonali ta' tfittxija ta' dokumenti bir-radam u ta' reqqa u qawwa letterarja li nstabet denja li tidher fil-magħrufa "Rivista Francescana Trimestrale (Gennaio-Marzo. 1957) di Scienze eTeologiche e di Studi Francescani a cura dei professori della Pontificia Facoltà Teologica di San Bonaventura dei Frati Minori Conventuali, Roma, vide pagine 95-117".

F'dan il-ktejjeb insibu storja dokumentata ta' l-Ordni Minuri Konventwali f'Malta. Fost ħafna tagħrif ta' importanza storika nsibu li dan l-Ordni Franġiskan kien fattur l-iktar antik li daħħal u mexxa 'l quddiem il-kultura xjentifika f'Malta billi fl-1613, fil Belt Valletta twaqqaf Kulleġġ Teoloġiku b'Reġġent Patri Majjistru Bonaventura minn Trapani. F'dan il-Kulleġġ trawmu għadd ta' Maltin li kisbu l-"Baċċellerat", u l-Awtur tana lista ta' Reeġġenti eruditi Maltin ta' dan il-Kulleġġ, skulari Maltin tas-sekli XVIII u XIX li kisbu isem fl-oqsma tax-xjenza u tal-letteratura. Għandna tassew għax nibqgħulu obbligati lill-Awtur erudit Padre Fiorini, talli b'din il-kontribuzzjoni interessantissima għinna ħafna biex inżidu aktar inkabbru u nagħnu d-Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali ta' Maltin li għamlu ġieħ lil Art Twelidhom u lilhom infushom fl-Oqsma tax Xjenza, Letteratura u Arti li dħalna għalih u nittamaw ma ndumux ma nuruh id-dawl qajl qajl.

G. M. B.

**KALENDARJU TAL-FJURI** minn K. Vella Haber.—Dar. ta San Ġużeepp, Ħamrun. 1957 Paġ. 28.

Il-lum ftit huma dawk li ma jeħdux pjaċir bil-fjuri jew li ma jikkoltivawhomx għax il-fjuri jistgħu jitrabbew kullimkien; ukoll min ma għandux roqgħa ħamrija jista' jiżra' l-fjuri fl-iħwat, fuq il-bjut jew fil-qsari fit-twieqi. Fl-iskejjel tal-Gvern qegħdin idarru t-tfal iħobbu l-fjuri u jikkoltivawhom imqar f'gallarija miftuħa jew f'ħoġor ta' tieqa imma ftit bawn kitba ta' tagħlim bil-Malti fuq il-kultivazzjoni tal fjuri, għalhekk kien jeħtieġ ix-xogħol tas-Sur K. Vella Haber.

F'dan il-ktieb wieħed isib kull tagħrif dwar żrigħ, taħwil, tixtil, żbir u tilqim tal-fjuri komuni kif ukoll rari, dawk ta' l-istaġun u dawk perenni, li jikbru fil-Gżejjer tagħna. Jekk wieħed joqgħod għat-tagħlim u għad-direzzjonijiet li fih dan il-ktieb, jista' jkollu ward u ħxejjex matul is-sena kolliha, għax l-awtur b'għaqal kbir fisser fi tnax-il kapitlu, wieħed għal kull xahar u kiteb fuq il-fjuri li jiftħu f'kull xahar ħalli b'hekk wieħed jista' jgawdi l-ġmiel, il fwieħa u l-ilwien matul is-sena kollha.

Lis-Sur K. Vella Haber bosta drabi smajnieh jitkellem ta' mgħallem fuq ir-Rediffusion fis-Siegħa tal-Bdiewa nhar ta' Ħadd. Il-lum kulħadd